

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Róbert Gálóczi-Tömösváry

Konvenuta: Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż biss sabiex jiggarantixxi l-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju fil-każ ta' tkeċċija illegali u infondata (unjustified)?
- (2) [Din id-dispożizzjoni] tfisser li, meta ssir it-tkeċċija, il-persuna li timpjega għandha l-obbligu li tikkomunika bil-miktub lill-ħaddiem ir-raġunijiet għal din it-tkeċċija, fin-nuqqas ta' liema jista' jkun li din isseħħ b'mod mhux ġustifikat (unjustified)?
- (3) L-assenza ta' komunikazzjoni tar-raġunijiet, minnha nfisha, tagħti lok għall-illegalità tal-miżura jew il-persuna li timpjega tista' tindika r-raġunijiet sussegwentement matul eventwali tilwima industrijali?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mid-Debreceni Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fil-31 ta' Ottubru 2012 — Magdolna Margit Szabadosné Bay vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal**

(Kawża C-491/12)

(2013/C 79/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Debreceni Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Magdolna Margit Szabadosné Bay

Konvenuta: Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż biss sabiex jiggarantixxi l-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju fil-każ ta' tkeċċija illegali u infondata (unjustified)?

- (2) [Din id-dispożizzjoni] tfisser li, meta ssir it-tkeċċija, il-persuna li timpjega għandha l-obbligu li tikkomunika bil-miktub lill-ħaddiem ir-raġunijiet għal din it-tkeċċija, fin-nuqqas ta' liema jista' jkun li din it-tkeċċija sseħħ b'mod mhux ġustifikat (unjustified)?

- (3) L-assenza ta' komunikazzjoni tar-raġunijiet, minnha nnifisha, tagħti lok għall-illegalità tal-miżura jew il-persuna li timpjega tista' tindika r-raġunijiet sussegwentement matul eventwali tilwima industrijali?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mid-Debreceni Munkaügyi Bíróság (ir-Repubblika tal-Ungerija) fl-20 ta' Novembru 2012 — Ványai Józsefné kontra Nagyrábé Község Polgármesterei Hivatal**

(Kawża C-526/12)

(2013/C 79/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Debreceni Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Ványai Józsefné

Konvenuta: Nagyrábé Község Polgármesterei Hivatal

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż esklużivament sabiex jiggarantixxi l-eżistenza ta' rimedju f'każ ta' tkeċċija illegali u infondata ("unjustified")?
- (2) Din id-dispożizzjoni tfisser li, mat-tkeċċija, il-persuna li timpjega għandha tikkomunika bil-miktub lill-impjegat ir-raġunijiet għat-tkeċċija, li mingħajrhom it-tkeċċija tkun infondata ("unjustified")?
- (3) In-nuqqas ta' komunikazzjoni tar-raġunijiet, fil-hinnifsu, jwassal għall-illegalità tal-miżura jew il-persuna li timpjega tista' tindika r-raġunijiet sussegwentement matul proċedura kontenzjuża eventwali?